**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

Illum 15 ta' Frar 2000

Il-Pulizija
Spettur Silvio Valletta

vs

Carol Attard et

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Carol Attard ta' 29 sena, mart Martin u bint Joseph Parnis u Mary xebba Borg, imwielda Pieta' nhar il-31 t' Frar 1969 u residenti "Thomas Town", J. Abela Scolaro Street, Hamru, bin-numru tal-karta tal-Identita' 86069M;

U kontra Martin Attard ta' 37 sena bin Joseph u Carmela Mangion, imwieled Sta. Venera nhar it-28 ta' Gunju 1956, residenti "Thomas Town", Triq Abela Scolaro, Hamrun, bin-numru tal-karta tal-identita' 432556 M;

U kontra Raymond Parnis ta' 34 sena iben Joseph u Mary Borg imwieled Hamrun nhar il-31 ta' Marzu 1963, u residenti

No. 41, Triq Farsons, Hamrun u ghandu n-numru tal-karta tal-identita' 209963 M;

U kontra Joseph Parnis ta' 67 sena, bin Kalcidon u Rosina xebba Camilleri, imwieled Marsa nhar l-24 ta' Awissu 1931, residenti "Thomas Town", Triq J. Abela Scolaro, Hamrun, u ghandu n-numru tal-karta tal-identita' 115531 M;

U kontra Mary Parnis ta' 62 sena, mart Joseph u bint Anthony Borg u Maria xebba Grech, imwielda Hamrun nhar is-27 ta' Jannar 1935 u residenti, "Thomas Town", Triq J. Abela Scolaro, Hamrun;

Talli nhar is-26 ta' Marzu 1998, ghall-habta ta' 4.25 pm, gewwa l-fond "Laferla Insurance Branch" il-Hamrun, volontarjament hassru jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara hija izjed minn hames mitt lira maltin (Lm500) ghad-dannu ta' Raymond u Antoinette Mallia;

Kif ukoll talli ikkagunaw griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Antionetta Mallia.

Wara li rat l-artikoli 325 (a) u 221 (3)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Lgijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi wiehed ghandu jirrimarka illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati odjerni huma talli volontarjament hassru jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara hija izjed minn hames mitt lira maltin (Lm500) ghad-dannu ta'

Raymond u Antoinette Mallia u talli kkagunaw griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Antoinette Mallia.

Illi ma gewx inkluzi imputazzjonijiet dwar storbju, ghajjat, glied jew dagha fil-pubbliku.

Wara illi l-Qorti rat l-imputazzjonijiet u rat ix-xhieda prodotta, jirrizulta illi l-imputati Carol Attard u Mary Parnis fil-waqt illi hadu parti attiva fl-ghajjat, fit-thedid, fid-dagha, illi sar dak in-nhar tal-incident, jirrizulta mix-xhieda ta' Antoinette Mallia kif ukoll ta' Mark Wright u ta' Joseph Cauchi, prezenti matul l-incident, illi l-anqas kellhom x'jaqsmu mat-tkissir illi sar fil-post u l-anqas kellhom x'jaqsmu mal-feriti ikkagunati lil Mallia.

Ghal dawn il-motivi, waqt illi l-Qorti, tixtieq illi ssibhom hatja ta' xi haga, b'dispjacir kbir tinnota illi ta' dak illi huma hatja, huma ma' gewx akkuzati bih u ghalhekk ta' bilfors ikollha tilliberahom.

Fir-rigward it-tlett imputati l-ohra jirrizulta sodisfacentement kien Joseph Parnis illi waddab ashtray u laqat lil Antoinette Mallia u kkawza feriti ta' natura hfief, waqt illi kienu z-zewg imputati l-ohra Martin Attard u Raymond Parnis illi kienu l-prencimes illi kissru l-post in kwistjoni u kkawzaw id-danni sodisfacentement ippruvati lil din il-Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda tillibera lil Carol Attard u Mary Parnis kontra l-kuxjenza taghha, qeghda ssib lit-tlett imputati l-ohra hatja tal-akkuzi - Martin Attard u Raymond Parnis, tal-ewwel akkuza u Joseph Parnis tal-ewwel u t-tieni akkuza.

Fir-rigward tal-piena, l-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, temmen illi dan huwa kaz, fejn l-interessi tal-vittma ghandhom jigu ssalvagwardjati. Dan ghaliex dak illi ghamlu l-imputati hija haga illi hadd qatt ma' sema' qabel. Bniedem illi qieghed igawdi d-drittijiet tal-propjeta' u ta' xogholu, jisfa vittma ta' attakk ahrax bhal dan gol-fond tieghu stess u minghajr ebda raguni valida, xi hadd ikisser dan il-fond. Min ikisser ghandu jhallas, min ma' jhallasx imur il-habs.

Ghaldaqstant, fil-waqt illi din il-Qorti qeghda ssib lil dawn it-tlett imputati hatja, qeghda tikkundannahom ghal sena (1) prigunerija sospiza b'sena, bil-kondizzjoni illi huma jhallsu l-ammont dovut fiz-zmien sitt xhur mil-lum, u dan a tenur tal-artikolu 28 H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputati.

MAGISTRAT.